TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/53/13/S

Jonathan u Claudine Galea
Vs
Inspirations Company Limited

Illum 3 t'Ottubru,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Jonathan u Claudine Galea ipprezentata fit-22 ta'Frar,2013 u r-risposta tas-socjeta Inspirations Company Limited ipprezentata fit-12 ta'Marzu,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fit-8 ta'Frar,2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar ghefiesi fuq il-bibien ta' "fridge" u "freezer" li inbidlu izda l-bibien il-godda ukoll kellhom l-ghefiesi;

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima *"incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat"* (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited' moghtija fit-13 ta'Jannar,1999);

Illi s-socjeta intimata ma kkontestatx dak allegat mir-rikorrenti fir-rigward ta' bieba wahda izda spjegat li hu *'konsegwenza normali minhabba li il-process tal-foam injection li jsir wara li saret il-bieba'*[1];

Illi din mhijiex raguni skuzabbli ghall-istat ta' wicc il-'fridge' li dwaru sar l-ilment;

Illi fic-cirkostanzi, it-talba tar-rikorrenti ghandha tintlaqa' pero mhux fl-ammont mitlub;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' it-talba ta' Jonathan u Claudine Galea u filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Inspirations Company Limited, Jordna lis-socjeta Inspirations Company Limited thallas lil Jonathan u Claudine Galea is-somma ta' €150 stabbilita *ex aequo et bono*, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

[1] Xhieda moghtija minn Lino Apap fil-25 ta'Lulju,2013.